25 ta' Ġunju, 1947

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Onor. Edgar Cuschieri ne. et. *versus* Carmelo Camilleri et.

**"War Damage Commission" — Nullità — Impunjazzjoni.**

*Id-deċiżjoni tal-War Damage Commission hija determinazzjoni ta' korp kważi ġudizzjarju li għandu poteri diskrezzjonali bis-saħħa tal-liġi.*

*Dik id-deċiżjoni hija sindakabili mill-Qrati fis-sens biss li dawn jistgħu jindagaw jekk dik il-Kummissjoni mexxietx l-affarijiet "fairly and honestly". Fil-każ affermattiv, il-Qorti ma għandhiex tiddisturba l-"quantum" fissat mill-Kummissjoni; mentri f'każ negattiv, ikun dmir tal-Qorti li tissindaka dik id-deċiżjoni.*

*Għalhekk id-deċiżjoni tal-War Damage Commission għandha n-natura u karattru ta' ġudikat; u n-nullità tagħha ma tistax tiġi proposta b'eċċezzjoni, imma b'azzjoni. Min irid jattakka dik id-deċiżjoni għandu għalhekk jagixxi b'azzjoni appożita.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi nomine, talbu li, wara li jingħataw il-provvedimenti u jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa, il-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat biex iħallas lill-Onorevoli Edgar Cuschieri nomine s-somma ta' £74. 9. 0, in rifużjoni ta' ammont ugwali li ġie lilu mħallas eċċessivament bi żball, li fih huma kienu ndotti mill-istess konvenut, in konnessjoni mal-"Claim" numru 27178/1894/44, relativa għad-dar nru. 160 Tower Road, Sliema; bl-imgħax legali mill-ġurnata tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar 1947, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' dina l-ittra, kontra l-konvenut;

O*missis;*

Tikkunsidra;

Mill-istess attijiet tal-kawża jidher li l-kwistjoni bejn il-kontendenti hija ċirkoskritta għar-rifużjoni tas-somma mitluba, allegata mill-attur nomine mħallsa aktar lill-konvenut bi żball, wara li ġew eżaminati l-kontijiet tal-ħsarat tal-gwerra kaġunati fil-fond "de quo", u wara li l-Kummissjoni tal-War Damage iffissat definitivament x'kellu jkun il-kumpens dovut lill-konvenut għal dawk ir-rangamenti li kienu verament ħsarat tal-gwerra;

Illi mhux negat li dik il-fissazzjoni saret mill-Kummissjoni tal-Ħsarat tal-gwerra fil-funzjoni kważi-ġudizzjali tagħha;

Illi l-post imsemmi, qabel ma ġie mikri mill-konvenut minn għand ix-"Scicluna's Estate Department", kien taħt rekwiżizzjoni f'idejn il-Militar..........;

*Omissis:*

Illi dawn huma l-fattijiet tal-kawża;

Tikkunsidra;

Illi mill-eċċezzjoni tal-konvenut jidher ċar illi l-kontestazzjoni tiegħu tirrigwarda l-bontà tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ħsarat tal-Gwerra, *fis-sens li l-istess deċiżjoni, meta* ddeterminat il-"quantum" dovut lill-istess konvenut, ma ħadetx in konsiderazzjoni l-ħsarat kollha;

Illi dina l-eċċezzjoni sostanzjalment tammonta għal *żball* f'dik id-deċiżjoni u konsegwenti likwidazzjoni; fi ftit kliem, dik id-deċiżjoni hija nulla, il-għaliex bażata fuq fattijiet żbaljati;

Illi ġie deċiż minn dawn il-Qrati li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni "de quo" hija *determinazzjoni* ta' korp kważi-ġudizzjarju li lilu, b'liġi magħmula "ad hoc", ġew mogħtija poteri diskrezzjonali (ara sentenza ta' dina l-Qorti tal-1 ta' Mejju 1946 "Muscat Azzopardi et. vs. Prof. *Joseph* Anastasi Pace ne."), u għal każi bħal dana in diżamina l-istess liġi ma jidherx li espressament, kif għamlet fl-ipoteżijiet kontemplati fl-artikoli 22 (3), 24 (6), 28 (4), 39 (5), u 40 (5) ta' l-*Ordinanza* III ta' l-1943, implementata bir-regolamenti kontenuti fil-Government Notice 12 tat-8 ta' Jannar 1944, iddisponiet li l-"claimant" jista' jkollu rikors għall-Qrati. Però f'dik l-istess sentenza fuq ċitata, bażata fuq id-dritt kostituzzjonali modern, intqal li l-Qrati, b'dana kollu, jistgħu jindagaw jekk dik il-Kummissjoni mexxietx l-affarijiet "fairly and honestly", u fil-każ affermativ dina l-Qorti ma għandhiex tiddisturba l-"quantum" fissat; il-għaliex l-*eżerċizzju* tad-diskrezzjoni għall-fissazzjoni ta' l-ammont ġie mill-liġi mħolli ilha. Fil-każ negativ ta' l-ipotesi fuq sottomessa, allura jkun dmir dina l-Qorti tissindaka d-deċiżjoni tal-Kummissjoni;

Illi taħt dawn il-konsiderazzjonijiet jingħad kwindi li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni "de quo" għandha n-natura u karattru ta' ġudikat;

Illi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, in-nullità ta' ġudikat ma tistax tiġi proposta b'eċċezzjoni, iżda b'azzjoni, speċjalment meta dik in-nullità mhijiex nullità "ipso jure", u kwindi, jekk dik id-deċiżjoni hija nulla mħabba fi żball, kif sostanzjalment qegħed isostni l-konvenut, kien dmir tiegħu jimxi diversament—dak li ma jirriżultax li għamel;

Tikkunsidra:

Illi la darba kien fid-diskrezzjoni ta' dik il-Kummissjoni tiddetermina l-"quantum" li kien ħaqqu l-konvenut in relazzjoni għall-ħsarat tal-gwerra, u dika d-deċiżjoni ma ġietx kif trid il-liġi ntakkata, id-domanda attriċi għandha tiġi akkolta;

Illi l-kjamat in kawża taħt iċ-ċirkustanzi li ntqalu għandu jiġi liberat;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi kontra l-konvenut, u tillibera lill-kjamat in kawża. L-ispejjeż, imħabba fid-diffikultà tal-meritu, jibqgħu mingħajr taxxa, barra minn dawk tal-kjamat in kawża, flimkien mar-reġistru, għall-konvenut.